MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 50/2010

**Patricia Calabretta (ID168457M), Doriette Tedesco (ID276762M), Louise Portelli (ID161267M), Henriette Tedesco (ID 110047M) u Josephine Tedesco (ID421620M)**

**vs**

**Daniel Sullivan bhala President, Sean A. Scicluna bhala Segretarju u Jean Pierre Busuttil bhala Tezorier, Ikoll ghan-nom u in rappresentanza ta' Hamrun Spartans F.C.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Patricia Caiabretta (ID168457M), Doriette Tedesco (ID 276762M), Louise Portelli (ID 161267M), HenrietteTedesco (ID 110047M) u

Josephine Tedesco (ID 421620M) datat 19 ta' Jannar 2010 fejn jesponu: -

Illi l-atturi huma mart u wlied il-mejjet Victor Tedesco li miet intestat fit-18 ta' Marzu 2009 u ghalhekk *ex lege* huma l-eredi tieghu.

Illi *ai termini* ta' ftehim datat 15 ta' Novembru 2001, Hamrun FC iddikjaraw illi huma debituri tal-istess Victor Tedesco fis-somma ta' €51,821.00 (Lm22,247.00), kif jirrizulta mill-ftehim hawn anness bhala Dok. "A".

Illi, *ai termini* tal-istess ftehim, din is-somma kellha tithallas mit-*transfer money* li l-Club tal-Hamrun jaghmel mill-bejgh tal-*players*, fis-sens 70% ta' kull *transfer fee* ghandha tithallas lill-istess Victor Tedesco kontra dan id-dejn. Illi fil-fatt il-Hamrun Spartans ma onorawx din il-kondizzjoni u ma ghaddewx liil-atturi sehemhom mit-*transfer fees* li huma ghamlu.

Illi l-istess ftehim jistipula li l-istess Victor Tedesco jew il-prokurator tieghu kellu jkun involut fid-diskussjonijiet ghall-bejgh tal-*players*, sabiex jassiguraw illi 70% ta' kull introjtu jmur ghandhom; l-Hamrun Spartans naqsu wkoll milli jonoraw din l-obblogazzjon.

Illi fis-27 ta' Frar 2008 l-istess Hamrun Spartans FC ghamlu ftehim iehor mal-istess Victor Tedesco (Dok. "B") fejn dan accetta li jiehu 30% mit-*transfer money* ta' kull *player*, purche' jsiru pagamenti mensili. Illi fil-fatt dawn il-pagamenti baqghu ma sarux, u l-Harnrun Spartans iddekadew mill-beneficcji ta' dan il-ftehim.

Illi l-bilanc illum dovut minn Hamrun Spartans FC lill-atturi, eskluz imghaxijiet, jammonta ghal €45,100.00.

Illi l-konvenuti gew debitament interpellati jhallsu dan il-bilanc izda baqghu madempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti iddekadew mill-beneficcju ta’ zmien lilhom moghti *ai termini* tal-kuntratt datat 27 ta' Frar 2008.

2. Tikkundanna lill-konvenuti fil-vesti rappresentattiva taghhom ta' ufficjali ta' Hamrun Spartans FC jhallsu lil-atturi s-somma minnhom dovuta ta' hamsa u erbghin elf u mitt ewro (€45,100.00) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn self maghmul mill-atturi lil Hamrun Spartans FC.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni tad-29 ta' Jannar 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi ntavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet mill-15 ta' Novembru 2001 kontra l-konvenuti intimata li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti intimati datata 2 ta’ Frar 2010 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti fil-kwalita` taghhom premessa t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti *nomine* tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tal-atturi** kif dedotti fir-rikors guramentat bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------